KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 64, l-ewwel parti, miżmuma nhar il-erbgħa 1 ta' Awissu 2018 ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anne Marie Fenech | Sindku | (17.30) |
| • Graziella Galea | Kunsillier | (17.34) |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier | (17.34) |
| • Alfred Grima | Kunsillier | (17.30) |
| • Stephen Cremona | Kunsillier | (17.30) |
| • Robert Piscopo | Kunsillier | (18.05) |
| • Paul Bugeja | Kunsillier | (17.30) |
| • Rodney Galea | Kunsillier | (17.30) |
| • Joseph Vella | Kunsillier | (17.30) |

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| • Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| • Daniel Grima | Vici Sindku |
| • Edward Bugeja | Kunsillier |
| • Dounia Borg | Kunsillier |

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku Anne Fenech.
Fin- nuqqas ta quorum laqgħa giet irtirata għal 30 minuta.

Il-Kunsilliera Graziella Galea u Kunsilliera Antionette Bezzina daħlu għal laqgħa għalhekk il quorum kien intlaħaq u laqgha setgħat tkompli skont l-Agenda

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is -Sindku qrat l-emjels tal -iskuzati

Il-Kunsilliera Graziella Galea qajmet zewg 'point of orders' dwar il- legalita tal – laqgħa. Hija sostniet li kitbet li dipartiment tal Kunsilli Lokali dwar jekk il laqgħa hiex illegali għalhiex issejħet 48 siegħa qabel u li l-Agenda ma nbagħtietx 5 tjiem kif titlob il ligi u ma kienx hemm documenti mehmuza.
Il- Kunsilliera li kienu fil- laqgħa għajr il – Kunsilliera Antionette Bezzina tennew li laqgħa hija legali.
Il- Kunsillier Paul Bugeja ikumenta li fil korrespondenza il Kunsilliera Garziella Galea iffirmat bħala Sindku huwa indirizza li Kunsilliera Graziella Galea u sostna li meta kienet Sindku hi kemm il darba sejjħet laqgħa f'inqas mil 5 tijiem.
Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li Segretarja kienet kitbet fuq email li skond 'recordings' kien tinstema id- data ta 2 ta' Awissu u l-Agenda intbaghtet għat 2 ta'Awissu izda wara emails li intbagħtu mill Kunsilliera fejn sostnew li laqgħa numru 63 kienet aggornat għal 1 ta Awissu.
Is -Segretarju reġa bagħt l-Agenda għal 1 ta' Awissu.
Is- Segretarju sostna li l-Sindku, Vici Sindku u l-Kunsilliera kienu jafu li kienet ser tkun imsiefra u li peress li kienet ser tirritorna f'27 ta' Lulju hija avzatt li jekk issir fl- ewwel jew it-tieni ta' Awissu kien ser ikollha jumejn biss biex tipprepara għal laqgħa għalhekk l-Agenda intbaghet jumejn qabel.
Il Kunsilliera Graziella Galea irrimarkat li fir- risposta ta'Dipartiment kienet li l- Monitoring Unit ser jagħti direzjoni dwar il legalita tal -laqgħa.
Is -Segretarja qalet li ma kienx hemm risposta mill Monitoring Unit dwar il -legalita tal -laqgħa u direzzjoni ma kienx hemm.
Il- Kunsilliera Graziella Galea staqsiet li Segretarja jekk hiex qed terfa i responsabilta tal –legalita tal -laqgħa.
Il Kunsillier Paul Bugeja qal li hu jerfa l-legalita tal – laqgħa u qablu miegħu il Kunsilliera Alfred Grima, Kunsillier Joseph Vella u Kunsillier Stephen Cremona . Il – Kunsillier Paul

Bugeja qal li l-fatt li Kunsilliera Graziella Galea ffirmat ir -rasenja l- Kunsilliera Graziella Galea għamlet il-laqgħa legali.
Il Kunsillier Alfred Grima qajem 'point of order' biex ilkompli ma dak li kienet qed tgħid Kunsilliera Galea biex meta tikkwot il group li jirapprezenta hu hija għandha tkkwotaħ sew, il-Kunsillier Alfred Grima qal li ħazin hu li waqt il laqgħa tal Kunsill ikun qed titihedd decezjoni certu affarjiet kullhadd jitkellem fsalt u hemm bzonn inkunu 'fair' mas - Segretarja u l-imjegati tal – Kunsill waqt il- laqgħa numru 63 isemmew ħafna dati u ġranet fosthom 1 ta'Awissu, 2 ta'Awissu kif ukoll granet ta'tlieta u l-ħamis.
Il -Kunsilliera Graziella Galea kompliet isostni li laqgħa hija il -illegali. Il – Kunsillier Paul Bugeja qal il fatt li Kunsilliera Graziella Galea bagħqet ghal laqgha u iffiramat irrasenja din għamlita legali.
Il -Kunsillier Alfred Galea jekk hemm xi Kunsillier li jħoss li ma jibqax mal mejda għax iħoss li laqgħa illegali għandu drittijiet kollha tiegħu biex jitlagħaq, izda hu sostna li bħala Kunsillier responsabbli idikjara li se jibqa għal laqgħa.
Il -Kunsilliera Graziella Galea qalet li jekk is Segretarja ser tkompli bil laqgħa hija kienet ser tibqa għal laqgħa.
Is-Sindku Anne Fenech tat ruling biex titkompla laqgħa. Il-laqgħa tkompliet billi awgura lil Ambaxxatur ta'Zgħazagħ Sinjur Carlos Zarb li kien prezenti għal -laqgħa. Is- Sindku introduċiet li Sur Zarb lil Kunsilliera u taghtu badge tal Kunsill sabiex jilbisa meta ikun qed jiraprezenta lil Kunsill.

## 64.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il – laqgħa tal- Kunsill kompliet b'approvazjoni tal-Minuti 62
**Emendi:**
Pagna 5 Item 62.3 **Voluntier Sur Pule:** Il- Kunsillier Alfred Grima qal li ma sentenza tizdied '*Il Kunsill approva'*
Pagna 5 Item 62.3 **Ambaxxatur taz-Zgħazagħ:** Il- Kunsillier Alfred Grima tenna li tizdied ' *Il Kunsill approva l-ħatra ta' Ambaxxatur Taz-zgħazagħ'*
Il- Kunsillier Joseph Vella u Kunsillier Paul Bugeja irrimarkaw għalfejn m'għandhux jisema l- isem ta' Ambaxxatur.
Kien hemm qbil li din il materja ser tigi icekkjata il-ligi
Pagna 6 Item 62.3 **Ittra mingħand Dr Piscopo**: Il Kunsillier Alfred Grima tenna li tizdied ' kien hemm qbil ma dak li issuggeriet is- Sindku. Il Kunsilliera Graziella Galea qalet li '*il mistednien jistaw jiparkjaw fit-triq'*
Pagna 7 Item 62.3 **Triq il- Fekruna Linji Sofor** Il Kunsillier Alfred Grima tenna li tizdied '*ma jfisierx li Transport Malta ghandhom ragun'*

Pagna 7 Item 62.3 **Majjalata** Il Kunsillier Joseph Vella qal li trid tizdied '*kien hemm qbil*'
Pagna 7 Item 62.3 **Armar tal Festa** Il Kunsillier Robert Piscopo qal li għandu ikun hemm '*Community Officers*' waqt li qed issir l-armar
Pagna 9 Item 62.3 **Kompjuters** Il Kunsillier Alfred Grima staqsa fuq il ownership tal-Kompjuters, infatti kien hemm zball fill minuti ghalhiex dawn kienu propejta ta'TCTC
Pagna 10 Item 62.3 **Audit tabelli** Il Kunsillier Alfred Grima biex tizdied '*kien hemm qbil*'

Kif tlestew korrezzjoni tal -Minuti, il- Kunsilliera Graziella Galea u Kunsilliera Antionette Bezzina qamu hu ħargu mil-laqgħa 17.57
Il – laqgħa twaqfet għalhiex kien hemm nuqqas ta' quorum. Il – laqgħa regat tkompliet wara li daħal il Kunsillier Robert Piscopo. Il- Kunsillier Paul Bugeja u Kunsillier Robert Piscopo għamlu stqarija dwar l -agir ta' Kunsilliera Graziella Galea u Antionette Bezzina li għamlu disprezz lejn il lokalita peress li ma bagħqawx ghal laqgha. Wara sospensjoni ta' laqgha li Sindku ħadet parir legali jekk tistax titkompla il – laqgha. Il- parir kien li laqgha ma setghatx tkompli.

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ___________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |